MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Talba Numru. 376/2009

**L-Avukat Timothy Zammit (KI 337293M) bhala manadatarju tal-imsiefra Michelina Baldacchinno residenti f'Perth**
**vs**
**Antonia Borg (ID22343M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta' elfejn seba' mija hamsa u disghin ewro u hamsa u ghoxrin ewro centezmu (€2,795.25) gja elf u mitejn liri Maltin (LM1,2000) rapprezentanti self lil Antonia Borg mill-attrici, illum rapprezentata mill-Avukat Dr Timothy Zammit, liema self huwa dovut skont skrittura privata datata 24 ta' April, 2004 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino liema self kien mitlub mill-konvenuta stess u moghtija debitament lilha minghajr interessi u pagabbli sal-31 ta' Mejju, 2004 izda l-istess Antonia Borg ma

hallsitx minkejja diversi interpellazzjonijiet verbali ripetuti u zewgt ittri ufficjali ghall-istess skop.

Bl-ispejjes tal-proceduri legali kollha li ttiehdu u dawk illi ghad iridu jigu istitwiti, inkluzi l-ispejjez ta' dan l-att u ta' l-ittri ufficjali, b'numru 12237/05 datata 21 ta' Dicembru, 2005, ittra ufficjali b'numru 708/09 datata 9 ta' Frar, 2009 flimkien ma l-imghax legali sa mill-31 ta' Mejju, 2004 kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-prokuratur legali Quentin Tanti fil-11 ta' Novembru, 2009 u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------